**Ruling mogħti mill-President tal-Kamra l-Onor. Michael Bonnici fis-Seduta 71 tas-26 ta' Mejju 1997 dwar votazzjonijiet li jintalbu fuq klawżoli, emendi jew skedi ta' dan l Abbozz ta' Liġi wara d 9.00 p.m.**

**THE CHAIRMAN**: Il-point of order imqajjem mill-Onor. Lawrence Gonzi jirrigwardja jekk, fil-każ ta' diskussjoni fl-istadju ta' Kumitat, il-kelma "diskussjoni" - f'paragrafu 4, linja 3 tas-sezzjoni "C" tal-Mozzjoni Nru 60 - li tirriferi għal diskussjoni fuq kull klawsola, emenda jew skeda oħra tal-liġi għandhiex tingħata l-istess interpretazzjoni bħal diskussjoni li tirriferi għal stadju sħiħ fl-approvazzjoni tal-liġi, kif ġie stabilit bir-ruling mogħti mis-Sedja aktar kmieni waqt din is-seduta.

Din il-Kamra f'okkażjonijiet preċedenti fis-seduti tas-27, 28, 29 u 30 ta' Lulju 1994, waqt id-diskussjoni fuq l-Abbozz ta' Liġi dwar it-Taxxa tal-VAT, imxiet fuq il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 166 tat-22 ta' Lulju, 1994 u l-votazzjonijiet mitluba għat-tenur ta' l-Ordni Permanenti 83 ma tteħdux fil-ħin li ssejħu u l-klawsoli, emendi u skedi oħra komplew jiġu diskussi u l-votazzjonijiet ittieħdu sussegwentement għal xulxin wara li spiċċat id-diskussjoni fuq il-klawsoli, emendi jew skedi kollha li ġew diskussi f'dik is-seduta partikolari fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, peress illi l-Mozzjoni Proċedurali Nru 166 li kienet qed tirregola x-xogħol tal-Kamra kienet stabiliet dak il-ħin bħala l-ħin tal-vot għat-tenur ta' l-Ordni Permanenti 83.

Għaldaqstant f'dan il-każ id-diskussjoni fuq il-klawsoli, emendi u skedi fl-istadju ta' Kumitat għandha tkompli għaddejja u l-votazzjonijiet jittieħdu fil-ħin stipulat fil-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 60 ta' din is-sessjoni tal-Parlament.